**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 12 ta' Dicembru, 2017

Rikors Kongunt Nru : 384/17AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tad-divorzju kongunt taz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

1. **Illi** l-partijiet kienu izzewgu bic-civil fil-20 ta' Dicembru, 2009 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li ghandu n-numru progressiv: 5/2010: **Dok. 'A''**.
2. **Illi** minn din l-unjoni ghandhom **(1)** tifel li jismu: **n** li ghadu minorenni.
3. **Illi** l-partijiet ilhom **legalment separati** mill-25 ta' Lulju, 2017 imma *de facto* separati u dan kif jirrizulta mill-kuntratt tas-separazzjoni debitament redatt minn Nutar Dottor Alexandra Micallef: **Dok. 'B'**.

4. **Illi** l-partijiet jixtiequ jipprocedu ghad-divorzju.
5. **Illi** m'hemmx **l-icken** possibilita ghar-rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewgin.
6. **Illi** dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili.

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. **Tippronunzja** l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. **Tordna** lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat kull fejn hu opportun fl-istess Registru.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Ottubru, 2017;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Lulju 2017, izda ir-rikorrenti Christelle Frendo xehdet illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal seba' snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur

tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.